

Brussell, 10 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14201/17

ECOFIN 929
UEM 304

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	10 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13150/1/17 REV 1 ECOFIN 818 UEM 270
Suġġett:	Il-faċilità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-faċilità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002. Il-konklużjonijiet ġew adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin/Kummerċ waqt it-3573 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Novembru 2017 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-faċilità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju
għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri
skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002

Il-KUNSILL tal-Unjoni Ewropea:

1. WARA li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri;
2. WARA li kkunsidra l-Artikolu 10 tar-Regolament imsemmi hawn fuq, li jesiġi li l-Kunsill jeżamina, kull tliet snin, jekk il-faċilità għadhiex tissodisfa, fil-prinċipju, l-arranġamenti u l-limitu massimu tagħha, il-ħtieġa li wasslet għall-ħolqien tagħha, abbażi tar-rapport tal-Kummissjoni u wara li l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) ikun ta l-opinjoni tiegħu;
3. WARA LI EŻAMINA r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, maħruġ fit-30 ta' Awwissu 2017; u l-opinjoni tal-KEF, adottata fis-27 ta' Ottubru 2017;
4. HUWA TAL-FEHMA li l-faċilità għadha tissodisfa l-finijiet li għalihom ġiet stabbilita.
